



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 202/22

Il-Lussemburgu, 15 ta' Diċembru 2022

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża Magħquda C-181/21 u C-269/21 | G. et (Ħatra ta' mħallfin fil-qrati ordinarji fil-Polonja)

L-Avukat Ġenerali Collins: ir-rekwiżit ta' stabbiliment minn qabel bil-liġi japplika għall-qrati tal-Istati Membri kollha

Dan il-prinċipju japplika irrispettivament mil-livell li fih dawn il-qrati jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni f'ordinament ġuridiku nazzjonali

Frinviġi għal deċiżjoni preliminari separati, il-Qrati Reġjonali ta' Katowice u ta' Kraków (il-Polonja) talbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni Ewropea ta' proċeduri ta' ħatra ta' mħallfin fil-qrati ordinarji fil-Polonja).

Fil-Kawża C-181/21, l-imħallef A.Z., li kien inġenier fil-Qorti Reġjonali ta' Katowice minkejja l-fatt li l-Assemblea tar-Rappreżentanti tal-Ġudikatura baqgħet lura milli tagħti l-opinjoni tagħha dwar il-kandidatura tiegħu minħabba tħassib dwar l-istatus tal-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura, iktar 'il quddiem il-"KRS") u l-mod kif kienet topera l-KRS, ġie assenjat ipoġġi f'kulleġġ ġudikanti ta' tliet imħallfin.

Fil-Kawża C-269/21, l-imħallef A.T. kienet inġenier bħala mħallef fil-Qorti Reġjonali ta' Kraków fi żmien meta l-parir tal-assemblea tal-ġudikatura kkonċernata ma kienx iżjed meħtieġ. Il-Kulleġġ ta' din il-qorti reġjonali, li nofs il-membri tiegħu kienu nħatru mill-Ministru għall-Ġustizzja, evalwa l-kandidatura tagħha. L-imħallef A.T. ipparteċipat f'kulleġġ ġudikanti ta' tliet imħallfin li ivaħdet talba għal miżuri provviżorji u baqgħet l-atti proċedurali tal-kawża prinċipali lura lill-qorti tar-rinviju.

Id-domandi għal deċiżjoni preliminari minn dawn iż-żewġ iqrati jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-prinċipju ta' stabbiliment minn qabel bil-liġi ta' qorti rrikonoxxuta mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-qrati tar-rinviju huma inċerti dwar jekk kulleġġ ġudikanti jikkonformax ma' dan il-prinċipju fejn uħud mill-membri tiegħu jkunu nħatru (i) taħt proċedura li kienet teskludi l-parteċipazzjoni ta' korpi ta' awtoregolamentazzjoni tal-ġudikatura; (ii) fuq riżoluzzjoni tal-KRS, li fil-parti l-kbira tiegħu huwa kompost minn membri magħżula mill-organu leġiżlattiv; u (iii) fejn kandidati li ma kinux ntgħażlu fil-proċeduri ta' ħatra rispettivi ma kellhom ebda dritt ta' appell quddiem qorti li kienet tissodisfa r-rekwiżit ta' stabbiliment qabel bil-liġi.

Fil-konklużjonijiet tiegħu, mogħtija lllum, l-Avukat Ġenerali Anthony Michael Collins jikkonstata li **r-rekwiżit ta' stabbiliment qabel bil-liġi japplika mingħajr distinzjoni għall-qrati kollha tal-Istati Membri**, irrispettivament mil-livell li fih jeżerċitaw ġurisdizzjoni f'ordinament ġuridiku nazzjonali.

Filwaqt li jsemmi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ¹, l-Avukat Ġenerali Collins jikkonferma li, sabiex jiġi kkonstatat ksur ta' dan ir-rekwiżit, **huwa neċessarju li ssir evalwazzjoni ġenerali ta' numru ta' fatturi li, meħuda flimkien, joħolqu dubbi raġonevoli, f'moħħ l-individwi, dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-imħallfin f'din**

¹ Sentenza tad-29 ta' Marzu 2022, Getin Noble Bank, [C-132/20](#) (ara l-Istqarrija għall-Istampa Nru [52/22](#)).

il-qorti.

L-Avukat Ġenerali Collins jeżamina wkoll tliet fatturi li l-qrati tar-rinviju jqiegħdu inkwistjoni.

L-ewwel, **l-assenza ta' parteċipazzjoni ta' korp ta' awtoregolamentazzjoni tal-ġudikatura fil-proċedura ta' ħatra ma tkunx, fiha nnifisha, suffiċjenti biex timmina l-legalità ta' ħatriet ġudizzjarji.** Minkejja r-rwol imnaqqas tal-assemblej tal-ġudikatura u r-rwol imsaħħaħ tal-KRS fil-proċedura ta' ħatra mill-2018, l-Avukat Ġenerali josserva li, skont il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja, il-KRS huwa l-gwardjan tal-indipendenza tal-qrati u l-imħallfin u mhux xi assemblea tal-ġudikatura jew kulleġġ tal-qorti. Konformement mal-ġurisprudenza ² tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li l-Ministru għall-Ġustizzja kien għażel nofs kulleġġ ta' qorti ma jwassalx, fih innifsu, għal nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

It-tieni, fir-rigward tar-rwol tal-KRS, l-Avukat Ġenerali Collins jistrieħ fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ³ li tgħid li **l-involviment ta' korp bħall-KRS fil-proċedura ta' ħatra, fih innifsu, ma joħloq ebda dubju dwar l-indipendenza tal-imħallfin maħtura taħt din il-proċedura.** Din il-konklużjoni tista' tkun differenti fejn il-partiċipazzjoni ta' tali korp, flimkien ma' fatturi oħra rilevanti u l-kundizzjonijiet li fihom tkun saret l-għażla tal-imħallfin, twassal biex jitqajmu tali dubji.

It-tielet, fir-rigward tal-possibbiltà li tiġi kkontestata l-proċedura ta' ħatra ta' mħallfin fil-qrati ordinarji, fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, **il-ġurisdizzjoni mogħtija lill-Awla ta' Kontroll Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema ⁴, biex tistħarreġ riżoluzzjonijiet tal-KRS f'dan is-sens ġiet ristretta estensivament u illegalment.** Konformement mar-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-824/19⁵, l-Avukat Ġenerali Collins iqis li sħarriġ ġudizzjarju effettiv ikun neċessarju fejn il-fatturi rilevanti kollha li jikkaratterizzaw il-proċedura ta' ħatra jagħtu lok għal dubji sistemiċi, f'moħħ l-individwi, dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-imħallfin maħtura taħtha. Fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, **il-qrati tar-rinviju ma pproduċew ebda provi speċifiċi, la ta' natura sistemika u lanqas ta' natura individwali, biex jissostanzjaw l-eżistenza ta' dubji leġittimi u serji f'dan ir-rigward.**

Suġġett għal verifika mill-qrati tar-rinviju, l-Avukat Ġenerali jikkonkludi li dawn it-tliet fatturi huma **fihom innifishom insuffiċjenti sabiex jiġi konkluż li l-proċeduri li taw lok għall-ħatra ta' mħallfin fil-qrati ordinarji, bħall-Imħallfin A.Z. u A.T., huma inkompatibbli mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni.**

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkun għew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża konformement mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li, bl-istess mod, torbot lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

² Sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Land Hesse, [C-272/19](#) (ara l-Istqarrija għall-Istampa Nru [85/20](#)).

³ Sentenza tat-22 ta' Frar 2022, Openbaar Ministerie (Qorti stabbilit bil-liġi fl-Istat Membru emittenti), [C-562/21 PPU u C-563/21 PPU](#) (ara l-Istqarrija għall-Istampa Nru [32/22](#)).

⁴ Ara, f'dan ir-rigward, il-punti 93 sa 110 tal-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Collins mogħtija fil-15 ta' Diċembru 2022 fil-Kawża [C-204/21](#) (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru [201/22](#)), Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin).

⁵ Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. et (Ħatra ta' mħallfin fil-Qorti Suprema - Azzjonijiet), [C-824/18](#) (ara l-Istqarrija għall-Istampa Nru [31/21](#)).

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

lbqgħu konnessi!

